**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Luke Bonello]**

**vs**

**Johann Grech**

**Kumpilazzjoni Numru: 156/14**

**Illum, 3 ta' Dicembru, 2015**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Johann Grech detentur tal-karta tal-identita` numru 108885(M).

Akkuzat talli nhar id-9 ta' Frar 2014, ghall-habta ta' bejn l-21:45pm u l-23:00pm, gewwa San Giljan:

1. Attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx bhala vjolenza pubblika, kontra persuni nkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skont il-ligi mill-awtorita` kompetenti, u dan bi ksur ta' artikolu 96 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Karen Formosa f'periklu car, ikkaguna lill-istess Karen Formosa hsara fil-gisem jew fis-sahha liema hsara hija ta' natura hafifa u dan bi ksur ta' artikoli 221(1) u 222(1)(c), tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bl-imgieba tieghu kkaguna lil haddiehor jibza' li se tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-

proprjeta` tieghu jew kontra l-persuna jew il-proprjeta` ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan bi ksur ta' artikolu 251B(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi hebb kontra Karen Formosa, sabiex jingurjaha, idejjaqha jew jaghmillha hsara, u dan bi ksur ta' artikolu 339(1)(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ingurja jew hedded lil Karen Formosa u lil Anna Formosa jew jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni, u dan bi ksur ta' artikolu 339(1)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

6. U aktar talli fl-istes lok, hin u cirkostanzi: volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, u dan bi ksur ta' artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

7. U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi: ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita` jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, u dan bi ksur ta' artikolu 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

8. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' *probation* jew matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata hekk kif moghtija nhar it-22 ta' Ottubru 2012, mill-Magistrat Dr C Stafrace Zammit, liema sentenza hija assoluta u ma' tistax tinbidel.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija tikkunsidra lil hati bhala recediv ai termini ta' artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ukoll it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija, flimkien jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, tipprovdi ghas-sigurta` ta' Karen Formosa u/jew ta' persuni ohra, u/jew ghaz-zamma tal-ordni pubblika, u/jew ghall-iskop ta' protezzjoni tal-persuni lezi u/jew ta' individwi ohra minn fastidju w/jew imgieba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza, illi tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzat ai termini tal-Artiklu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti pprezentati inkluz il-Kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja;

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 96, 221(1), 222(1)(c), 251B(1)(d), 338(dd), 338(ee), 339(1)(e) u 339(1)(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat **Johann Grech** hati tal-akkuzi wahda (1) sa sebgha (7) stante li gew ippruvati u stante illi l-akkuzi tlieta (3), erbgha (4), hamsa (5), sitta (6) u sebgha (7) huma assorbiti fit-tieni (2) akkuza bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tikkundannah ghal tmien (8) xhur prigunerija sospizi ghal sentejn (2).

Il-Qorti mhux qed issib htija fuq it-tmien (8) akkuza u lanqas fuq l-addebitu tar-recidiva stante illi ma gew ipprezentati l-ebda sentenzi in sostenn ta' dawn l-akkuzi.

Inoltre il-Qorti qed timponi Protection Order taht l-Artikolu 412C tal-Kap 9 li ghandu jifforma parti minn din is-sentenza.

Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta u tordna li kopja tal-Protection Order annessa mal-odjerna sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-Probation Services.

**Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**